



EBA/GL/2015/18

22/03/2016

## Linji

gwida dwar l-arranġamenti għall-governanza u s-sorveljanza tal-prodotti għal prodotti bankarji bl-imnut

# Linji gwida dwar l-arranġamenti għall-governanza u s-sorveljanza tal-prodotti għal prodotti bankarji bl-imnut

---

## Werrej

<b>1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar</b>	<b>3</b>
<b>2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet</b>	<b>4</b>
<b>3. Implementazzjoni</b>	<b>8</b>
<b>4. Arranġamenti għall-governanza u s-sorveljanza tal-prodotti għall-manifatturi</b>	<b>9</b>
Linja Gwida 1: L-istabbiliment, il-proporzjonalità, ir-rieżami u d-dokumentazzjoni	9
Linja Gwida 2: Il-funzjonijiet ta' kontroll intern tal-manifatturi	9
Linja Gwida 3: Suq fil-mira	10
Linja Gwida 4: L-itteşejjar tal-prodotti	10
Linja Gwida 5: Il-monitoraġġ tal-prodotti	11
Linja Gwida 6: Azzjoni ta' rimedju	11
Linja Gwida 7: Il-mezzi ta' distribuzzjoni	11
Linja Gwida 8: Informazzjoni għad-distributuri	12
<b>5. Arranġamenti għall-governanza u s-sorveljanza tal-prodotti għad-distributuri</b>	<b>13</b>
Linja Gwida 9: L-istabbiliment, il-proporzjonalità, ir-rieżami u d-dokumentazzjoni	13
Linja Gwida 10: Il-governanza tad-distributuri	13
Linja Gwida 11: Għarfien tas-suq fil-mira	13
Linja Gwida 12: Informazzjoni u appoġġ għall-arranġamenti tal-manifattur	14
<b>6. Esterrializzazzjoni</b>	<b>15</b>

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010<sup>1</sup>. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifika lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 23.05.2016. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifikasi għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil [compliance@eba.europa.eu](mailto:compliance@eba.europa.eu) bir-referenza 'EBA/GL/2015/18'. In-notifikasi għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtoritā xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifikasi ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtoritā Superviżorja Ewropea (Awtoritā Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

## 2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

---

### Suġġett

5. Dawn il-Linji Gwida jindirizzaw it-twaqqif ta' arranġamenti għall-governanza u s-sorveljanza tal-prodotti għall-manifatturi u d-distributuri bħala parti integrali mir-rekwiżiti organizzazzjonali ġenerali marbuta mas-sistemi ta' kontroll intern tal-impriżi. Huma jirreferu għall-proċessi, il-funzjonijiet u l-istrateġiji interni mmirati biex jiddisinjaw il-prodotti, biex jintroduċuhom fis-suq u biex jirreveduhom matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom. Huma jistabbilixx l-proċeduri rilevanti sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-interessi, l-objettivi u l-karatteristiċi tas-suq fil-mira. Madankollu, dawn il-Linji Gwida ma jindirizzawx l-adegwatezza tal-prodotti għal konsumaturi individwali.

### Kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-Linji Gwida japplikaw għall-manifatturi u għad-distributuri ta' prodotti offruti u mibjugħha lill-konsumaturi u jispeċifikaw l-arranġamenti għall-governanza u s-sorveljanza tal-prodotti fir-rigward ta':
  - L-Artikolu 74(1) tad-Direttiva 2013/36/UE ("Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali IV, (CRD IV)", l-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2007/64/KE (id-"Direttiva dwar is-Servizzi ta' Ħlas, (PSD)") u l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2009/110/KE (id-"Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi, (EMD)") flimkien mal-Artikolu 10(4) tal-PSD; u
  - L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2014/17/UE (id-"Direttiva dwar il-ftehimiet ta' kreditu għall-konsumaturi b'rabta mal-proprietà immobigli residenzjali, jew id-Direttiva dwar il-Kreditu Ipotekarju, (MCD)").
7. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu juru x-xewqa li jikkunsidraw li japplikaw dawn il-Linji Gwida għal entitajiet oħrajn fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom li ma jaqgħux fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-atti leġiżlattivi msemmija hawn fuq, iżda li għalihom l-awtoritajiet kompetenti għandhom responsabbiltajiet superviżorji. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu juru x-xewqa li jikkunsidraw li japplikaw dawn il-Linji Gwida għal intermedjarji oħrajn minbarra l-intermedjarji ta' kreditu skont l-MCD, bħal intermedjarji ta' kreditu għall-konsumaturi.
8. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu juru x-xewqa li jikkunsidraw li jestendu l-istess protezzjonijiet stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida fir-rigward ta' persuni oħrajn minbarra l-konsumaturi, bħal mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar u medji (SMEs).

9. Dawn il-Linji Gwida jissupplementaw linji gwida oħrajn tal-EBA li jistgħu jkunu rilevanti għall-governanza u s-sorveljanza tal-prodotti, b'mod partikolari, il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Governanza Interna (GL 44)<sup>2</sup>.
10. Dawn il-Linji Gwida jaapplikaw għall-prodotti kollha mqiegħda fis-suq wara d-data tal-implementazzjoni tal-Linji Gwida, kif ukoll għall-prodotti eżistenti kollha fis-suq li jinbidlu b'mod sinifikanti wara d-data tal-implementazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu juru x-xewqa li jaapplikaw Linji Gwida rilevanti, bħal-Linji Gwida 5 u 6, għall-prodotti li ddaħħlu fis-suq wara d-data tal-implementazzjoni tal-Linji Gwida.

## Destinatarji

11. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif definiti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ir-“Regolament dwar l-EBA”).
12. Fir-rigward tad-Direttiva 2014/17/UE (l-MCD), dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (l-awtorità tal-EBA) li huma wkoll awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(22) tad-Direttiva 2014/17/UE. Dawn jaapplikaw sa fejn dawk l-awtoritajiet ikunu ġew innominati bħala kompetenti biex jiżguraw l-applikazzjoni u l-infurzar ta' dawk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/17/UE li huma relatati magħħom dawn il-Linji Gwida.
13. Irrispettivavent minn jekk awtorità tal-EBA hijiex indirizzata jew le taħt il-paragrafu 12(a), fejn Stat Membru jkun innomina aktar minn awtorità waħda skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/17/UE u waħda minnhom mhijiex awtorità tal-EBA, l-awtorità tal-EBA nnominata skont dak l-Artikolu għandha, mingħajr preġudizju għall-arranġamenti nazzjonali adottati skont l-Artikolu 5(3) tal-MCD:
  - a) tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità l-oħra nnominata dwar dawn il-Linji Gwida u d-data ta' applikazzjoni tagħhom;
  - b) titlob bil-miktub lil dik l-awtorità sabiex tikkunsidra li tapplika l-Linji Gwida;
  - c) titlob bil-miktub lil dik l-awtorità sabiex tinforma jew lill-EBA jew inkella lill-awtorità tal-EBA fi żmien xahrejn min-notifika skont is-subparagrafu (a) jekk tkunx qiegħda tapplika jew jekk għandhiex l-intenzjoni li tapplika dawn il-Linji Gwida; u
  - d) fejn applikabbli, tibgħat mingħajr dewmien lill-EBA l-informazzjoni li tkun irċeviet skont is-subparagrafu (c).

<sup>2</sup> GL 44: [https://www.eba.europa.eu/documents/10180/103861/EBA-BS-2011-116-final-EBA-Guidelines-on-Internal-Governance-%282%29\\_1.pdf](https://www.eba.europa.eu/documents/10180/103861/EBA-BS-2011-116-final-EBA-Guidelines-on-Internal-Governance-%282%29_1.pdf)

14. Fir-rigward tal-Linji Gwida għad-distributuri, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jew jitkolbu lid-distributuri direttament sabiex jikkonformaw magħhom jew inkella jitkolbu lill-manifatturi taħt is-superviżjoni tagħhom sabiex jiġuraw li d-distributuri jikkonformaw magħhom.

## Definizzjonijiet

15. Sakemm ma jiġix spċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fl-atti leġiżlattivi msemmija fil-kamp ta' applikazzjoni għandhom l-istess tifsira f'dawn il-Linji Gwida. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, għandhom jaapplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

Manifattur	Intrapriża li tiddisinja (jiġifieri toħloq, tiżviluppa, tikkombina jew tbiddel b'mod sinifikanti) prodotti li jridu jiġu offruti lill-konsumaturi u li hija kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin: a) istituzzjoni ta' kreditu kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR; b) kreditur kif definiti fl-Artikolu 4(2) tal-MCD; c) istituzzjoni tal-ħlas kif definita fl-Artikolu 4(4) tal-PSD; jew d) istituzzjoni tal-flus elettroniċi kif definita fl-Artikolu 2(1) tal-EMD, jew li nkella tkun distributur, iżda tkun involuta de facto fid-disinn tal-prodott.
Suq fil-mira	Il-grupp jew gruppi ta' konsumaturi finali li għalihom huwa ddisinjat il-prodott, kif definiti mill-manifattur.
Distributur	Persuna li toffri u/jew tbigħ il-prodott lill-konsumaturi; din tinkludi l-unitajiet kummerċjali tal-manifatturi li mhumiex involuti fid-disinn tal-prodott iżda li huma responsabbi mit-tqegħid tal-prodott fis-suq.
Konsumatur	Persuna fiżika, li taġixxi għall-finijiet li jaqgħu barra mill-kummerċ, min-negożju jew mill-professjoni tagħha.
Prodott	a) ftehimiet ta' kreditu relatati ma' proprijetà immobblī' kif definiti fl-Artikolu 4(3) tal-MCD; b) depożiti' kif definiti fl-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2014/49/UE ("Id-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti, (DGSD)") <sup>3</sup> ; c) il-kontijiet tal-pagamenti' kif definiti fl-Artikolu 4(14) tal-PSD; d) is-servizzi tal-pagamenti' kif definiti fl-Artikolu 4(3) tal-PSD; e) I-instrumenti tal-pagamenti' kif definiti fl-Artikolu 4(23) tal-PSD;

<sup>3</sup> Id-depożiti jinkludu kull forma ta' depożiti. Id-Direttiva 2014/65/UE (id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Instrumenti Finanzjarji, (MiFID2)) estendiet, skont l-Artikolu 1(4) tagħha, ġerti regoli organizzazzjonali u regoli dwar it-twettiq tan-negożju għas-subett ta' depożiti msejħha depożiti strutturati, kif definiti fil-punt (43) tal-Artikolu 4(1) ta' MiFID 2. Ir-regoli dwar il-governanza tal-prodotti skont l-MiFID 2, inklużi l-atti delegati futuri li jistabbilixxu l-ispeċifikazzjonijiet ulterjuri fir-rigward tal-Artikolu 16(3) u l-Artikolu 24(2) tal-MiFID2, se jaapplikaw għad-depożiti strutturati mit-3 ta' Jannar 2017 u, għaldaqstant, dawn il-Linji Gwida ma jaapplikawx fir-rigward tagħhom.

- f) mezzi oħrajn ta' ħlas, kif elenkti fl-Anness 1(5) tas-CRD IV (eż. ċekkijiet tal-vjaġġaturi u drafts tal-bankiera);
- g) flus elettroniċi' kif definiti fl-Artikolu 2(2) tal-EMD; jew
- h) forom oħrajn ta' kreditu għall-konsumaturi, minbarra dak inkluż f'(a), ipprovduti mill-manifatturi elenkti hawn fuq, skont l-Artikolu 1(5)(e) tar-Regolament tal-EBA.

Korp maniġerjali	Korp jew korpi ta' istituzzjoni, li jinħatru b'konformità mal-liġi nazzjonali, li huma awtorizzati biex jistabbilixxu l-istrateġija, l-objettivi u d-direzzjoni ġenerali tal-istituzzjoni, u li jissorveljaw u jimmonitorjaw il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet mill-management, u jinkludu l-persuni li effettivamente imexxu n-negozju tal-istituzzjoni, kif definiti, pereżempju, fl-Artikolu 3(7) tas-CRD IV.
Maniġment superjuri	Dawk il-persuni fiżiċi li jeżerċitaw funzjonijiet eżekuttivi fi ħdan istituzzjoni u li jridu jwieġbu lill-korp maniġerjali u huma responsabbi għall-ġestjoni ta' kuljum tal-istituzzjoni, kif definiti, pereżempju, fl-Artikolu 3(9) tas-CRD IV.

### 3. Implementazzjoni

---

#### Data tal-applikazzjoni

16. Dawn il-Linji Gwida japplikaw mit-3 ta' Jannar 2017.

## 4. Arranġamenti għall-governanza u s-sorveljanza tal-prodotti għall-manifatturi

---

### Linja Gwida 1: L-istabbiliment, il-proporzjonalità, ir-rieżami u dokumentazzjoni

- 1.1 Il-manifattur għandu jistabbilixxi, jimplimenta u jirrieżamina l-arranġamenti effettivi ta' governanza u sorveljanza tal-prodotti. L-arranġamenti għandhom jimmiraw, meta l-prodotti jkunu qiegħdin jiġu ddisinjati u jiddaħħlu fis-suq, (i) li jiżguraw li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi, l-objettivi u l-karatteristiċi tal-konsumaturi, (ii) li jiġi evitat id-detriment potenzjali għall-konsumaturi u (iii) li jitnaqqsu l-kunflitti ta' interess.
- 1.2 L-arranġament għall-governanza u s-sorveljanza tal-prodotti għandu jiġi rieżaminat u aġġornat mill-manifattur fuq bażi regolari.
- 1.3 Meta jniedi prodott ġdid, il-manifattur għandu jiżgura li l-arranġamenti għall-governanza u s-sorveljanza tal-prodotti jiġu kkunsidrati fil-politika ġidida dwar l-approvazzjoni tal-prodotti (NPAP) skont il-Linja Gwida 23 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Governanza Interna (GL 44) f'każijiet fejn japplika GL 44.
- 1.4 L-azzjonijiet kollha meħuda mill-manifattur fir-rigward tal-arranġamenti għall-governanza u s-sorveljanza tal-prodotti għandhom jiġu debitament iddokumentati; jinżammu għall-finijiet ta' verifika u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, fuq talba tagħhom.
- 1.5 L-arranġamenti għall-governanza u s-sorveljanza tal-prodotti għandhom ikunu proporzjonati għan-natura, għall-iskala u għall-kumplessità tan-negożju rilevanti tal-manifattur. L-implimentazzjoni/applikazzjoni tal-arranġamenti għandhom jikkunsidraw il-livell tar-riskju potenzjali għall-konsumatur u l-kumplessità tal-prodott.

### Linja Gwida 2: Il-funzjonijiet ta' kontroll intern tal-manifatturi

- 2.1 Il-manifattur għandu jiżgura li l-arranġamenti għall-governanza u s-sorveljanza tal-prodotti jkunu parti integrali mill-qafas tiegħu ta' governanza, ġestjoni tar-riskji u kontroll intern kif imsemmi f'GL 44, fejn applikabbli. Għal dak il-għan, il-korp maniġerjali tal-manifattur għandu japprova t-twaqqif tal-arranġamenti u r-rieżamijiet sussegwenti.
- 2.2 Il-maniġment superjuri, bl-appoġġ mir-rappreżentanti tal-funzjonijiet tal-ġestjoni tar-riskji u tal-konformità tal-manifattur, għandu jkun responsabbi mill-konformità interna kontinwa mal-arranġamenti għall-governanza u s-sorveljanza tal-prodotti. Huma għandhom jivverifikaw

perjodikament li l-arranġamenti għall-governanza u s-sorveljanza tal-prodotti jkunu għadhom adegwati u jkomplu jissodisfaw l-objettivi stabbiliti fil-Linja Gwida 1.1 ta' hawn fuq, filwaqt li jipproponu lill-korp maniġerjali sabiex jemenda l-arranġamenti jekk dan ma jkunx għadu l-każ.

- 2.3 Ir-responsabbiltajiet għas-sorveljanza ta' dan il-proċess mill-funzjoni tal-Kontroll tar-Riskji u mill-funzjoni tal-Konformità għandhom jiġu integrati fil-linjal normali tad-dmirijiet tagħhom kif deskrift fil-Linji Gwida 25, 26 u 28 ta' GL 44, fejn applikabbli.
- 2.4 Il-maniġment superjuri għandu jiżgura li l-membri tal-personal involuti fid-disinn ta' prodott ikunu familjari mal-arranġament tal-manifattur għall-governanza u s-sorveljanza tal-prodotti u jsegwuhom; ikunu kompetenti u mħarrġin kif xieraq; u jifhmu u jkunu familjari mal-karatteristiċi u r-riskji tal-prodott.

### Linja Gwida 3: Suq fil-mira

- 3.1 Il-manifatturi għandhom jinkludu, fl-arranġamenti għall-governanza u s-sorveljanza tal-prodotti tagħhom, il-passi u l-karatteristiċi li jeħtieġ jiġu segwiti bil-għan li jiġi identifikat u, fejn meħtieġ, aġġornat is-suq fil-mira rilevanti ta' prodott.
- 3.2 Wara li l-ewwel ikun identifika s-suq fil-mira, il-manifattur għandu jiżgura li l-prodott jitqies bħala xieraq għall-interessi, l-objettivi u l-karatteristiċi tas-suq/swieq fil-mira identifikat(i).
- 3.3 Il-manifattur għandu jiddisinja u jdaħħal fis-suq biss prodotti b'karatteristiċi, ħlasijiet u riskji li jissodisfaw l-interessi, l-objettivi u l-karatteristiċi ta', u li jkunu ta' beneficiju għas-suq fil-mira partikolari identifikat għall-prodott.
- 3.4 Il-manifattur għandu jikkunsidra kif il-prodott jadatta fil-firxa ta' prodotti eżistenti tal-manifattur u jekk il-preżenza ta' wisq varjanti tal-prodott timpedix lill-konsumatur milli jieħu deċiżjonijiet infurmati.
- 3.5 Il-manifattur għandu jidentifika wkoll is-segmenti tas-suq li għalihom il-prodott jitqies bħala li mhux probabbli li jissodisfa l-interessi, l-objettivi u l-karatteristiċi tagħhom.
- 3.6 Meta jiġi biex jiddeċiedi jekk prodott jissodisfax jew le l-interessi, l-objettivi u l-karatteristiċi ta' suq fil-mira partikolari, il-manifattur għandu jivvaluta l-grad tal-kapaċită finanzjarja tas-suq fil-mira.

### Linja Gwida 4: L-itteşejjar tal-prodotti

- 4.1 Qabel ma prodott jiddaħħal fis-suq; prodott eżistenti jinbiegħ f'suq fil-mira ġdid; jew inkella ssir bidla sinifikanti fi prodott eżistenti, il-manifattur għandu jittestja l-prodott, sabiex ikun jista' jivvaluta kif il-prodott ser jaffettwa lill-konsumatur tiegħu taħt firxa wiesgħha ta' xenarji, inklużi

xenarji taħt stress. Il-manifatturi għandhom jagħmlu l-bidliet xierqa fil-prodotti meta l-analiżi tax-xenarju twassal għal riżultati ħżiena għas-suq fil-mira.

## Linja Gwida 5: Il-monitoraġġ tal-prodotti

- 5.1 Ladarba l-prodott jiddaħħal fis-suq, il-manifattur ikun fl-aħħar mill-aħħar responsabbi mill-monitoraġġ tal-prodott u għandu jissorvelja l-prodott fuq bażi kontinwa sabiex jiżgura li l-interessi, l-objettivi u l-karatteristiċi tal-konsumaturi jkomplu jiġu kkunsidrati kif xieraq.

## Linja Gwida 6: Azzjoni ta' rimedju

- 6.1 Jekk il-manifattur jidentifika problema relatata mal-prodott fis-suq, jew meta jissorvelja l-prestazzjoni tal-prodott kif mitlub fil-Linja Gwida 5.1 ta' hawn fuq, il-manifattur għandu jieħu l-azzjoni meħtieġa biex itaffi s-sitwazzjoni u jipprevjeni li d-detrimment jitfaċċa mill-ġdid.
- 6.2 L-azzjoni ta' rimedju għandha tħalli n-notifika fil-pront lid-distributur dwar il-bidliet jew il-modifikasi fil-prodotti eżistenti u kwalunkwe azzjoni addizzjonali li jeħtieġ li tittieħed sabiex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni.

## Linja Gwida 7: Il-mezzi ta' distribuzzjoni

- 7.1 Il-manifattur għandu jagħżel il-mezzi ta' distribuzzjoni li huma adattati għas-suq fil-mira partikolari. Għal dak il-għan, il-manifattur għandu jagħżel b'mod korrett id-distributuri li jkollhom l-għarfien, il-kompetenzi u l-kapaċità biex idaħħlu kull prodott fis-suq u jipprovd informazzjoni xierqa li tispjega l-karatteristiċi u r-riskji tal-prodott lill-konsumaturi. Meta jagħżel il-mezzi ta' distribuzzjoni tiegħu, il-manifattur jista' jikkunsidra li jillimita d-distribuzzjoni ta' prodott speċifiku għall-mezzi li joffru karatteristiċi speċifiċi lill-konsumaturi.
- 7.2 Il-manifattur għandu jissorvelja li l-prodotti jiġu distribwiti fis-suq fil-mira identifikat u li jinbiegħu barra mis-suq fil-mira biss fuq bażi ġustifikata.
- 7.3 Il-manifattur għandu jieħu l-passi raġonevoli kollha sabiex jiżgura li d-distributuri jaġixxu b'konformità mal-objettivi tal-arranġamenti tal-manifattur għall-governanza u s-sorveljanza tal-prodotti. Il-manifattur għandu jieħu azzjoni xierqa meta jitqajjem tħassib dwar l-adegwatezza ta' mezz ta' distribuzzjoni, pereżempju, billi jwaqqaf l-użu tal-mezz partikolari għal prodott partikolari. B'mod partikolari, il-manifattur għandu jiżgura, fuq bażi kontinwa, li l-prodotti jilħqu primarjament is-suq fil-mira maħsub partikolari permezz tal-meZZI ta' distribuzzjoni użati.

## Linja Gwida 8: Informazzjoni għad-distributuri

- 8.1 Fejn rilevanti, il-manifattur għandu jipprovi lid-distributur b'deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tal-prodott; ir-riskji u kwalunkwe limitazzjoni tiegħu; u l-prezz totali tal-prodott (kif magħruf, jew kif mistenni b'mod raġonevoli li jkun magħruf mill-manifattur) li jrid jitħallas mill-konsumatur, inklużi t-tariffi, il-ħlasijiet u l-ispejjeż kollha relatati.
- 8.2 L-informazzjoni u d-dettalji tal-prodotti li jridu jiġu pprovduti lid-distributuri għandhom ikunu ta' standard adegwat, ċari, preċiżi u aġġornati.
- 8.3 Il-manifattur għandu jiżgura li l-informazzjoni mogħtija lid-distributuri tkun tinkludi d-dettalji rilevanti kollha sabiex huma jkunu jistgħu:
  - a) jifhmu u jdaħħlu l-prodott fis-suq kif suppost, u
  - b) jirrikonoxxu s-suq fil-mira li għalihi jiġi ddisinjat il-prodott (ara l-Linjal Gwida 3.1), kif ukoll jirrikonoxxu s-segmenti tas-suq li l-objettivi, l-interessi u l-karatteristiċi tagħhom jitqiesu bħala li x'aktarx ma jiġux issodisfati (ara l-Linjal Gwida 3.5).

## 5. Arranġamenti għall-governanza u s-sorveljanza tal-prodotti għad-distributuri

---

### Linja Gwida 9: L-istabbiliment, il-proporzjonalità, ir-rieżami u dokumentazzjoni

- 9.1 Id-distributur għandu jistabbilixxi, jimplimenta u jirrieżamina arranġamenti effettivi għall-governanza u s-sorveljanza tal-prodotti, li jkunu speċifiċi u proporzjonati għad-daqs tiegħu u għar-rwol tiegħu li jdaħħal il-prodotti fis-suq. L-arranġamenti għandhom jitfasslu b'tali mod li jiżguraw li, meta jiddaħħlu prodotti fis-suq, l-interessi, l-objettivi u l-karatteristiċi tal-konsumaturi jiġu kkunsidrati kif xieraq; sabiex jiġi evitat kull detriment potenzjali għall-konsumaturi; u sabiex jitnaqqsu l-kunflitti ta' interest.
- 9.2 Id-distributur għandu jirrieżamina u jaġġorna l-arranġamenti għall-governanza u s-sorveljanza tal-prodotti fuq bażi regolari.
- 9.3 L-azzjonijiet kollha meħuda mid-distributur fir-rigward tal-arranġamenti għall-governanza u s-sorveljanza tal-prodotti għandhom jiġu ddokumentati kif xieraq, jinżammu għall-finijiet ta' verifika u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti, jew għall-manifattur, fuq talba tagħhom.

### Linja Gwida 10: Il-governanza tad-distributuri

- 10.1 Id-distributur għandu jiżgura li l-arranġamenti għall-governanza u s-sorveljanza tal-prodotti jkunu parti integrali mis-sistemi u l-kontrolli ġeneralji tiegħu. Għal dak il-għan, il-korp maniġerjali, jekk rilevanti, għandu japprova l-istabbiliment u r-rieżamijiet sussegwenti tagħhom.

### Linja Gwida 11: Għarfien tas-suq fil-mira

- 11.1 Id-distributur għandu juża l-informazzjoni pprovduta mill-manifattur u jkollu għarfien rilevanti u l-kapaċità li jiddetermina jekk konsumatur jagħmlx parti mis-suq fil-mira. B'mod partikolari, id-distributur għandu jieħu kunsiderazzjoni xierqa tal-informazzjoni rilevanti kollha li tippermettilu jirrikonoxxi s-suq fil-mira li għalih jiġi ddisinjat il-prodott, kif ukoll jirrikonoxxi s-segmenti tas-suq li għalihom il-prodott jitqies bħala li x'aktarx ma jissodisfax l-interessi, l-objettivi u l-karatteristiċi tagħhom.

## Linja Gwida 12: Informazzjoni u appoġġ għall-arranġamenti tal-manifattur

- 12.1 Id-distributur għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni pprovduta mill-manifattur u jiżvela lill-konsumatur deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tal-prodott, tar-riskji tiegħu u tal-prezz totali tal-prodott li jrid jitħallas mill-konsumatur, inklużi t-tariffi, il-ħlasijiet u l-ispejjeż kollha relatati, kif ukoll jipprovd i materjal addizzjonali fornut mill-manifattur sabiex jintuża mis-suq fil-mira.
- 12.2 Id-distributur għandu jbiegħ il-prodott lil konsumatur li ma jkunx jagħmel parti mis-suq fil-mira biss fuq bażi ġustifikata. Id-distributur għandu wkoll ikun jista' jipprovd informazzjoni sabiex jiġiġustifika mal-manifattur għaliex huwa offra prodott lil konsumatur li ma jkunx jagħmel parti mis-suq fil-mira.
- 12.3 Sabiex jassisti lill-manifatturi fl-obbligu tagħhom li jissorveljaw il-prodott, id-distributur għandu jiġbor informazzjoni biex jippermetti lill-manifattur jiddeċiedi jekk il-prodott li d-distributur idaħħal fis-suq jissodisfax l-interessi, l-objettivi u l-karatteristiki tas-suq fil-mira fuq bażi kontinwa.
- 12.4 Jekk id-distributur jidentifika xi problema fir-rigward tal-karatteristiċi tal-prodott, l-informazzjoni dwar il-prodott jew is-suq fil-mira meta joffri u jbiegħ il-prodotti, id-distributur għandu jinforma minnufih lill-manifattur bil-kwistjoni.

## 6. Esternalizzazzjoni

---

1. Meta l-attività tal-manifattura u/jew tad-distribuzzjoni tiġi esternalizzata kollha jew parti minnha lil partijiet terzi, jew titwettaq minn entità oħra b'modi oħrajn, il-manifatturi u, fejn applikabbli, id-distributuri għandhom jiżguraw li, meta jagħmlu dan, jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Linji Gwida tas-CEBS dwar l-esternalizzazzjoni kif xieraq.<sup>4</sup> Dan jinkludi, b'mod partikolari, il-linja gwida 2, li tistipula li “ir-responsabbiltà finali għall-ġestjoni tajba tar-riskji assoċjati mal-esternalizzazzjoni jew l-attivitàjet esternalizzati hija tal-manġment superjuri ta’ istituzzjoni li qed titlob l-esternalizzazzjoni.”

---

<sup>4</sup> Ara CEBS (2006), *Guidelines on outsourcing*, fuq <https://www.eba.europa.eu/documents/10180/104404/GL02OutsourcingGuidelines.pdf.pdf>